

Strona główna>Rejestry – działalności gospodarczej, upadłości i nieruchomości>Rejestry upadłości

Rejstri dwar il-falliment u l-Insolvenza

Niderlandy

Din il-paġna tagħti introduzzjoni qasira għar-Reġistru Netherlandiż tal-Insolvenza

**X'informazzjoni fih ir-Reġistru Netherlandiż tal-Insolvenza?**

Fin-Netherlands hemm tliet tipi ta' proċedimenti ta' insolvenza:

Falliment

Moratorju (jew "sospensjoni ta' flus")

Serħan mid-dejn għal persuni fiżiċi

Proċedura pubblika ta' saldu mhux ta' falliment

Proċedura ristretta ta' saldu mhux ta' falliment

Il-**qrati** huma responsabbli biex jiddeċiedu dwar dawn it-tipi ta' proċedimenti ta' insolvenza. Huma responsabbli wkoll għat-trażmissjoni (awtomatizzata) ta' notifiki relatati ma' dawn il-proċedimenti ta' insolvenza lill-**Kunsill għall-Ġudikatura** (*Raad voor de rechtspraak*). Għal proċeduri ristretti ta' saldu mhux ta' falliment biss ma hemmx notifika, minħabba n-natura ristretta ta' dawn il-proċeduri. Il-Kunsill għall-Ġudikatura juża dawn in-notifiki għar-

**Reġistru Ċentrali tal-Insolvenza (CIR)**

Is-CIR fih l-informazzjoni kollha min-notifiki tal-insolvenza ppubblikati, inklużi:

Detalji personali

Ismijiet tal-kumpaniji

Numri tal-Kamra tal-Kummerċ (*Kamer van Koophandel*)

Detalji ta' kuraturi u amministraturi

In-notifiki preċedenti kollha

Barra minn hekk, għal sospensjonijiet ta' flus u serħan mid-dejn, il-qrati jżommu din l-informazzjoni fir-reġistri tagħhom.

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà tar-Reġistru Netherlandiż tal-Insolvenza**

Ir-Reġistru Ċentrali tal-Insolvenza fih informazzjoni pprovduta mill-varji qrati dwar fallimenti, sospensjonijiet ta' flus u kanċellazzjonijiet ta' dejn relatati ma' persuni fiżiċi (individwi privati), u proċeduri pubbliċi ta' saldu mhux ta' falliment.

**L-aċċess għar-Reġistru Netherlandiż tal-Insolvenza huwa mingħajr flus?**

Iva, l-aċċess huwa **mingħajr flus**.

Ma hemmx restrizzjonijiet fuq l-aċċess għas-CIR online.

Servizz online huwa disponibbli għal utenti kummerċjali biex jinformahom aktar malajr dwar l-aħħar pubblikazzjonijiet mir-reġistru.

**Kif jista' jsir it-tiftix fir-Reġistru Netherlandiż Kummerċjali?**

Tista' tftitex persuni fiżiċi biss b'dawn li ġejjin:

Isem u data tat-twelid

Isem, kodiċi postali u numru tad-dar

Data tat-twelid, kodiċi postali u numru tad-dar

Tista' tftitex persuni ġuridiċi/ismijiet tal-kumpaniji b'dawn li ġejjin:

Isem tal-persuna ġuridika/ism tal-kumpanija

Numru tal-Kamra tal-Kummerċ

Kodiċi postali u numru tad-dar/numru tal-kaxxa postali

Tista' tftitex ukoll bid-data, qorti distrettwali, tip ta' pubblikazzjoni, referenza ta' pubblikazzjoni jew numru ta' insolvenza.

Is-CIR fih ħarsa ġenerali separata ta' proċeduri pubbliċi ta' saldu mhux ta' falliment.

**L-istorja tar-Reġistru Netherlandiż tal-Insolvenza**

Is-CIR daħal fis-seħħ uffiċjalment fl-1 ta' Jannar 2005. Il-każijiet kollha li seħħew jew ġew innotifikati wara dik id-data jistgħu jiġu kkonsultati fis-CIR u jibqgħu aċċessibbli hemm sa 6 xhur wara l-għeluq tal-proċedimenti ta' insolvenza.

**Links relatati**

[Reġistru Ċentrali tal-Insolvenza fin-Netherlands](#)

L-aħħar aġġornament: 24/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.